# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 44

IL-ĠIMGħA 8 TA' APRIL 2016 FIL-5.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 - Is-Sindku ressaq il-Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-3 ta' Frar 2016 għall-approvazzjoni. Il-minuti ġew approvati unanimament.

1.2 - Is-Sindku ressaq il-Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-11 ta' Frar 2016 għall-approvazzjoni. Il-minuti ġew approvati unanimament.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku

2.1 - Ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni mis-Sindku.

## 3. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

3.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

3.2 - Dwar pagament Nru. 57, il-Kunsill qabel li nġibu kwotazzjonijiet oħra nibdew min forrnituri differenti.

3.3 - Dwar pagament Nru. 66, il-Kunsill qal li għandna nivverifikaw li l-enerġija iġġenerata mill-pannelli tax-xemx qed titnaqqas mill-kont tad-dawl.
Il-pagamenti ġew approvati u iffirmati.

## 4. Co-Option tal-Kunsiller/a

4.1 - Il-Kunsillier Gino Muscat innomina lis-Sin. Louise Cachia Castelletti sabiex tieħu l-pożizzjoni ta' Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, wara li dan il-post ġie vakat bir-riżenja tas-Sur Richard Chetcuti.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sin. Louise Cachia Castelletti ħadet il-ġurament bħala Kunsilliera u poġġiet fuq il-mejda immedjatament sabiex tipparteċipa fis-seduta.

## 5. Rapporti mill-Kunsilliera.

F Roe

- F Roe qal li huwa, flimkien mas-Sur Aris Fenech iltaqgħu mal-kuntrattur tal-knis dwar xi problemi li inqalgħu għax ma sarx ix-xogħol tal-knis u qtugħ ta' ħaxix qabel il-purċissjoni.

  Min dakinhar, il-kennies inbidel. Il-kuntrattur min naħa tiegħu ammetta li x-xogħol ma sarx sew. Filfatt, ġie appuntat kennies ieħor biex jieħu ħsieb il-ħaxix min għada stess, għas-spejjes tal-kuntrattur.

- Dalgħodu irrapporta tappiera li qed tħabbad quddiem il-block C2. Ċempilna lil GO u talbu li mmorru l-uffiċju tagħhom ngħamlu rapport. Sar ftehim li s-Segretarju jgħamel rapport b'email.

- Hu qal li tkellem ma tal-Wasteserv u saqsa il-għala Ta' Xbiex ma marritx tajjeb fl-*awards* dwar il-ġbir tal-iskart. Tal-Wasteserv infurmawh li inġabar aktar borża sewda u inqas borża griża.

  G Muscat issuġerixxa li jinġiebu *green wardens* għassa ma *Bring In Sites* bejn 2pm u 4pm jew bejn 6am u 9am. Is-Segretarju għandu jivverifika jekk dan is-servizz jistgħax jiġi offrut mil-kumpanija, jew inkella jiġi ordnat bħala extra service.

G Muscat

- Dwar iz-*zebra crossings*, sabiex nerġgħu nitolbu lil Perita Audrey Testaferrata De Noto sabiex isiru *Pelican Lights*.

R Portelli

- Sabiex isir r*efreshing* tal-parking madwar il-villel

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 7.00pm

| | |
|---|---|
| _IFFIRMATA_ | IFFIRMATA_________ |
| Max Zammit | Matthew Dimech |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |